MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 888/2008

**Charles Busuttil u John Busuttil,**
**ahwa Busuttil**
**-vs-**
**Joan Cortis**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors guramentat ta' John Busuttil et li permezz tieghu jippremettu:**

1. Illi r-rikorrenti ahwa Busuttil huma wlied id-*decujus* Georgina Busuttil li mietet fil-11 ta' Marzu 2006;

2. Illi l-intimata giet nominata minn Georgina Busuttil bhala l-uniku eredi taghha u dana in forza ta' testment datat 12 ta' Mejju 1995 in atti n-Nutar Pierre Cassar. Illi l-intimata konvenuta ddisponiet mill-assi ereditarji, mobbli, tal-istess *decujus*

omm ir-rikorrenti Busuttil b’rizultat li r-rikorrenti gew imcahhda mis-sehem taghhom skond il-ligi mill-assi tad-defunta omm;

3. Illi tul hajjitha omm ir-rikorrenti ghamlet diversi testmenti;

4. Illi jirrizulta li omm ir-rikorrenti kienet ilha tbati minn kundizzjoni mentali ta’ *senile dementia* u dan kif certifikat mill-Konsulent Psikjatra Dr. Peter Muscat fl-1997, u dan l-istess psikjatra kien iddikjara li tali kundizzjoni kienet ilha prezenti ghal hames snin;

5. Illi permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla Nru. 771/97 datat 4 ta’ Lulju 1997, l-imsemmija Georgina Busuttil giet interdetta u l-Qorti appuntat kuratur sabiex jamministra l-imsemmija assi taghha;

6. Illi b’rizultat ta’ dan kollu, u dan peress li omm ir-rikorrenti diga’ kienet tbati minn kundizzjoni ta’ *senile dementia* skond ic-certifikati medici, t-testment ahhari u cioe’ dak datat 12 ta’ Mejju 1995 li ghamlet ir-rikorrenti, ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Tghid ghalhekk l-intimata konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li t-testment maghmul mid-defunta Georgina Busuttil datat 12 ta’ Mejju 1995 in atti Nutar Pierre Cassar huwa null u bla effett;

2. Konsegwentement tordna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-assi ereditarji kollha appartenti lid-defunta Georgina Busuttil, inkluzi mobbli u immobbli;

3. Tordna li konsegwentement u fin-nuqqas l-intimata tirrestitwixxi u thallas lir-rikorrenti l-valur tal-assi ereditarji appartententi lid-defunta Georgina Busuttil. Illi l-valur in

kwistjoni ghandu jigi likwidat anke bl-opera ta’ periti nominandi jekk ikun mehtieg.

Bl-ispejjez u b’hekk l-intimata tibqa’ minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni,

**Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimata a fol. 10 tal-process fejn premettiet:**

1. Illi preliminarjament, l-insostenibbilita’ ta’ l-azzjoni kif esperita, stante li r-rikorrenti ma jghidux b’mod car ghaliex qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-testment null. Dana peress illi jirrizulta allegat biss fir-rikors promutur li d-defunta kienet qed tbati minn kundizzjoni ta’ *senile dementia* fl-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997), u giet interdetta fl-istess sena cioe’ sentejn wara li gie redatt it-testment li qed jintalab jigi annullat u mhux fil-mument li bih id-defunta rredigiet it-testment;

2. Illi wkoll in linea preliminari, l-insostenibbilta’ tat-talbiet, stante li din l-Onorabbli Qorti kellha tintalab tiddikjara rizultanzi li konsegwentement minn tali rizultanza temergi n-nullita’. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali dikjarazzjoni gudizzjarja, l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi;

3. Illi d-domandi attrici huma konradittorji ghat-tielet domanda u b’hekk l-ebda wahda minnhom ma tista’ tigi milqugha stante li *data non concesso* kellu jintalab jew ir-restituzzjoni jew il-hlas mhux it-tnejn f’salt u b’mod kontestwali;

4. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-defunta Georgina Busuttil ma kienet effetta minn l-ebda mpediment legali fil-mument illi gie redatt it-testment in atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar, datat tnax (12) ta’ Mejju elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995), u dana kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond l-ezitu ta' l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat id-digriet li bih gew allegati l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1180/08 fl-ismijiet Busutill vs Cortis;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw.

**Eccezzjonijiet**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimata.

Fl-ewwel zewg eccezzjonijiet, li fis-sustanza huma simili ghal xulxin, l-intimati qed jissottomettu li fic-citazzjoni ma hemmx premess li fil-mument li sar it-testment d-decujus kienet inkapaci. Lanqas ma hemm premessa r-raguni ghaliex qed jintalab li t-testment jigi dikjarat null.

Fit-tielet eccezzjoni l-intimata qed tissottometti li ma tistax issir fic-citazzjoni fl-istess hin talba ghar-restituzzjoni ta' l-assi u talba ghall-hlas tal-valur taghhom.

Fir-raba eccezzjoni l-intimata eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 1222 tal-Kap. 16.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-Qorti tirrileva li hu accettat fil-gurisprudenza li d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi (Kollez Vol. XXXIII pI p666). Maggorment illum meta l-procedura hija b'rikors u skond l-emedi recenti, l-intenzjoni tal-legislatur kienet li l-ligi tkun anqas rigoruza kwantu ghall-forma ta' l-istess. Apparti dana, minn ezami, anke superficjali tac-citazzjoni jirrizulta car x'kienet il-premessa li fuqha qed jintalab li t-testment jigi dikjarat null, u cioe' li omm ir-rikorrenti kienet tbati minn kundizzjoni mentali. Naturalment din hija s'issa biss allegazzjoni tar-rikorrenti li ghad iridu jippruvaw dina x-xilja.

Kwantu ghat-tielet eccezzjoni, ghalkemm fit-talba numru tlieta jidher li hemm zball, l-intendiment kien u hu car, li fin-nuqqas li l-intimata tirrestitwixxi l-assi ereditarji kollha, hi ghanda tigi kkundannata thallas il-valur taghhom.

Dawn l-eccezzjonijiet m’ghandhomx jigu milqugha.

Fir-raba eccezzjoni l-intimata qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-artikolu 1222 tal-Kap. 16 ghar-rexissjoni ta’ obbligazzjoni, minhabba xi wahda mill-kawzali imsemmija fl-istess artikolu. Fl-artikolu 1224 il-ligi mbaghad taghmel referenza ghal kull kaz iehor, fejn il-preskrizzjoni hija ta’ hames snin.

Illi l-artikolu 1222 tal-Kap. 16 jirreferi ghal « the right to bring an action for the recission of a **contract** on the ground of the disability of a person interdicted » etc. u mhux ghar-recissjoni ta’ testment. L-artikolu 1224 min-naha l-ohra jitkellem dwar « the right of action for the recission of an obligation » Fil-kaz in ezami la kien hemm xi obbligazzjoni tad-decujus lanqas ma sar kuntratt.

Illi skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, « La prescrizione quinquennale contemplata nell’articolo 932 (illum 1224 tal-Kap. 16) della Ordinanza non e’ applicabile all’azione di rescissione delle disposizioni testamentarie, la quale (disposizione) e’ applicabbile alle obbligazioni. (App Desira vs N.Caruana Dingli Vol. XX p. 1 p. 199)

Dan iffisser li l-artikolu 1222 imsemmi mill-intimata ma hux applikabbili ghad-dikjarazzjoni unilaterali maghmul minn persuna li waheda tkun qed taghmel disposizzjonijiet testamentarji. L-artikolu 1224 semai jipprevedi terminu ta’ preskrizzjoni ta’ hames u mhux sentejn.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari ta’ l-intimata

U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni fil-mertu ghat-28 ta' Mejju 2009 fit-9.30am quddiem din il-Qorti diversament preseduta.
Spejjez ghall-intimata.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------